**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 8 ta' Ġunju 2023**

**Rikors Nru. 457/2023 GM**

**Anthony Cuschieri (K.I. Nru. 328349M) u martu Joan Mary sive Jane Cuschieri (K.I. Nru.565953M)**

**vs**

**Geranzio Cuschieri (K.I. 466450M) u martu Maria Victoria sive Rina Cuschieri (K.I. 372150M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' ta' Anthony Cuschieri u martu Joan Mary sive Jane Cuschieri li permezz tiegħu wara li ppremettew illi :

1. B'kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu ta' bejn il-kontendenti tas-6 ta' April tas-sena 2021, fl-atti tan-Nutar Dottor Dorianne Arapa anness u mmarkat bħala DOK A, il-konvenuti kkostitwixxew ruħhom veri, ċerti u likwidi debituri tar-rikorrenti għas-somma ta' mija u erbgħin elf ewro (€140,000), liema somma tirrappreżenta self brevi monu li kien sar bejn il-partijiet;

2. L-imsemmija somma ta' mija u erbgħin elf ewro (€140,000) ġiet garantita permezz ta' ipoteka ġenerali hekk kif jirriżulta mill-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu;

3. Il-konvenuti obbligaw ruħhom illi jħallsu d-debitu tagħhom lir-rikorrenti sa mhux aktar tard mid-disgħa u għoxrin ta' Marzu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023);

4. Minkejja diversi interpellazzjonijiet, sal-lum il-ġurnata, il-konvenuti għadhom ma ħallsux id-debitu tagħhom lir-rikorrenti, konsistenti fis-somma ta' mija u erbgħin elf ewro (€140,000);

5. Għalhekk il-konvenuti huma debituri tar-rikorrenti fis-somma ta' mija u erbgħin elf ewro (€140,000);

6. L-imsemmi ammont ta' mija u erbgħin elf ewro (€140,000), huwa dejn ċert, likwidu u dovut u li ma jikkostitwix fl-eżekuzzjoni ta' xi fatt, mill-intimati lir-rikorrenti u għalhekk fil-fehma tar-rikorrenti jikkonkorru l-elementi preskritti mill-Artikolu 167 et seq tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex din il-kawża tiġi deċiża bid-dispensa tas-smigħ, billi fil-fehma tal-istess rikorrenti, l-intimati m'għandhom ebda eċċezzjoni xi jressqu kontra t-talba għall-ħlas tal-imsemmi ammont;

7. Għalhekk kellha ssir din il-kawża tal-lum;

Talbu lil din il-Qorti sabiex:

i. Tiddeċiedi l-kawża skont it-talba b'dispensa tas-smigħ skont l-Artikolu 167 - Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta;

ii. Tikkundanna lill-konvenuti debituri tar-rikorrenti għas-somma ta' mija u erbgħin ewro (€140,000) rappreżentanti l-ammont illi r-rikorrenti silfu brevi manu konvenuti hekk kif spjegat fir-rikors ġuramentat.

iii. Tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu l-ammont ta' mija u erbgħin elf ewro (€140,000) dovut lir-rikorrenti bl-imgħaxijiet relattivi sal-effettiv pagament;

Rat li fis-seduta tallum deher il-konvenut u ammetta t-talba.

Stante l-ammissjoni l-Qorti -

1. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba.

2. Tilqa' t-tieni talba billi tikkundanna lill-konvenuti debituri tar-rikorrenti għas-somma ta' mija u erbgħin elf ewro (€140,000) rappreżentanti l-

ammont illi r-rikorrenti silfu brevi manu konvenuti hekk kif spjegat fir-rikors ġuramentat.

3. Tilqa' t-tielet talba billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex iħallsu l-ammont ta' mija u erbgħin elf ewro (€140,000) dovut lir-rikorrenti bl-imgħaxijiet relattivi sal-effettiv pagament;

Spejjeż a kariku tal-konvenuti.

MOQRIJA

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA